MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Numru. 210/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
PAUL GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Galea, bin John u Maria Assunta nee' Abdilla, imwieled Pieta' fl-24 ta' Marzu 1978 u detentur tal-karta tal-identita' numru 280978(M), u joqghod 'Dar il-Hena', Triq il-Kuccard, Safi, ZRQ 11, u akkuzat talli nhar it-18 ta' Jannar 2003, ghal habta tal-hdax ta' filghodu, fiz-Zejtun u f'Hal Safi rispettivament volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, fuq vetturi tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP425 tal-marka Skoda u GVP219 tal-marka Alfa Romeo, liema hsara tiskorri il-mitt Lira Maltin (Lm100) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin

(Lm500), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta bi ksur tal-Artiklu 325(c ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa l-Fgura u gewwa z-Zejtun, saq il-vettura Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni FBD698, kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u b'manjiera perikoluza u pogga l-hajja ta' PC267 fil-perikolu car meta saq l-istess vettura ghal fuqu, bi ksur tal-Artiklu 41(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi gew definittivi fis-26 ta' Lulju 2000, u fit-22 ta' Jannar 2003 rispettivament mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fiz-Zejtun u f'Hal Safi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti bi ksur tal-Artiklu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, jum u cirkostanzi ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS1021 Joseph Urpani persuna inkarigata mill-ligi, kif iccertifika Dr Brian Martin Flores tac-centru tas-sahha tal-Gzira, bi ksur tal-Artiklu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied, u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artiklu 338(dd) u Artiklu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita mill-ligi, Paul Galea jigi skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan u li jkollu pussess ta' vettura u jigi applikat l-Artiklu 383(1) ghas-sigurta' tal-membri tal-korp involuti fl-incident.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli tal-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija tal-imputat.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2004, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi waqt li PC 267 flimkien ma' PC 1335 kienu ghaddejjin minn Zabbar Road fit-18 ta' Jannar 2003 bil-karozza tas-servizz, innutaw vettura Mazda kulur metallic brown ghaddejja min-nofs tat-triq u kienet diehla ghal go fihom. PC 267 jghid li s-sewwieq tal-karozza taghhom gibed ghal go 'stage' u jkompli jghid li raw l-istess karozza ddur 'wrong way' mar-'roundabout' u ghaldaqstant xeghlu s-serena u segwewh.

Din il-karozza waqfet go 'bus stop' u ghaldaqstant il-Pulizija PC 267 hareg mill-karozza u avvicina din il-Mazda, pero' kif gara hekk il-Mazda rriversjat bis-sahha ghal fuq il-karozza tas-servizz, tant li PC 267 kellu jaqbez ghal fuq il-bankina, biex tevitaha, il-Mazda laqtet il-karozza tas-servizz imbaghad qalghet u telqet bi speed eccessiv.

Il-Pulizija baqghu jsegwu din il-karozza sa Hal Safi u talbu ghal assitenza. Is-sewwieq tal-Mazda kannella gie identifikat bhala l-imputat fil-proceduri odjerni.

PC 267 xehed illi zewg Pulizija kellhom irazznu lill-imputat, illi ghall-ewwel deher kalm, normali, imma mbaghad qabad jirrabja. Mistoqsi biex jispjega ezattament kif kien qed isuq l-imputat, a fol 10, PC 267 jghid illi l-karozza tal-imputat kienet ghaddejja kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u cioe' fin-nofs bejn zewg lanes ta' 'oncoming traffic'.

PC 983 Martin Farrugia xehed illi huwa kellu struzzjonijiet biex imur u jarresta lil Paul Galea fit-18 ta' Jannar 2003 mid-dar tieghu, u sab biss lill-genituri tieghu. Ftit wara gie Paul Galea bil-karozza tieghu u deher naqra mifxul. PC 983 xehed illi huwa mar fuqu, ha c-cwievet tal-karozza, u xehed kif il-karozza tal-imputat laqtet il-fanal tal-karozza tas-servizz u kissret il-hgiega.

PC 983 Martin Farrugia, li jaf lill-familja tal-imputat, xehed illi dakinhar rah 'differenti':

'lil Pawlu ilni nafu hafna, ma nafux f'dik l-estremita' li kien dakinhar, kellu bzonn xi haga donnu, kien qisu naqra mifxul dakinhar, ma nafx forsi kellu bzonn xi kura jew xi haga ma kienx normali.'

PC 983 xehed illi l-vettura li kien qed isuq l-imputat, kienet iggib in-numru FBB698 waqt li dik tal-Pulizija kienet iggib in-numru GVP425. Ir-ritratti tal-vetturi gew esebiti bhala PC1-4, waqt illi dokument PC5 hija stima tal-hsarat f'ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) panel beating u sebghin Lira Maltin (Lm70) ghal spray painting.

Dr David Cassar, a fol 15, xehed illi l-imputat kien pazjent tieghu ghal ammont ta' snin, kemm fl-'outpatients' kif ukoll meta jkun pazjent Mount Carmel. Xehed illi l-imputat ibati minn schizophrenic disorder u ddeskrivih bhala persuna li mill-adoloxxenza, kien emozzjonalment instabbli b'tendenza ta' impulsivita'. Il-Psikjatra Cassar xehed illi meta l-imputat ikun qed ibati minn effett ta' 'stress', hemm tendenza li jitlef il-kontroll, u li ghaldaqstant, l-imputat kellu bzonn kura fuq bazi regolari.

Psikjatra Cassar xehed illi huwa ma kienx komdu li jara lill-imputat ikollu kontroll tal-vettura u li filfatt kien kiteb lid-Direttur tat-Traffiku sabiex mhux biss ma jkollux licenzja bhalissa, izda li jkun hemm kontroll ghall- access tieghu ghall-karozzi.

PC 1021 Joseph Urpani, a fol 19, xehed illi huwa kien imsejjah bir-radio biex isegwi l-karozza tal-imputat, filfatt sabu l-karozza ndikata f'Hal Safi, ipparkjata hdejn garaxx

fejn sabu guvni u zewg irgiel qed izommuh. PC 1021 xehed illi l-imputat beda jirrezisti l-arrest, u kien aggressiv, u beda jxejjer b'idejh, tant illi laqtu lil PC 1021. Dan ic-certifikat gie esebit bhala PS, u gew esebiti PS 1-7 ritratti tal-griehi f'wiccu u l-hsarat fuq il-karozza, flimkien ma' ritratti PS 8-10.

PC 1335 Duncan Schembri, a fol 26 et seq, ikkonferma x-xhieda ta' PC 267 u ta deskrizzjoni fid-dettall tal-manjiera perikoluza u velocita' li biha l-Mazda kienet qed tigi misjuqa. Ikkonferma li huwa segwa din il-vettura u ghajjat lill-units tal-mobile ghall-assitenza u kif spiccaw fir-residenza tal-imputat. PC 1335 ikkonferma li l-imputat beda joffendi lill-Pulizija, bezaq sahansitra fuqhom u hebb ghalihom. Illi ghaldaqstant, huma kellhom jimmanettjawh u haduh il-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

PC 1335 xehed illi tant irrezista l-imputat illi sitt ufficjali tal-Pulizija spiccaw mal-art. PC 1335 ikkonferma kif l-imputat kellu l-Mazda, saq ghal fuq il-Pulizija meta dan ipprova javvicina l-karozza li kellu.

Dr Brian Flores Martin ikkonferma c-certifikat mediku tas-Surgent Urpani dokument BM, u ccertifika l-griehi bhala dawk ta' natura hafifa.

Spettur Denise Mula pprezentat sentenza datata 26 ta' Lulju 2000 fil-konfront tal-imputat, u kkonfermat li hija kienet l-Ufficjal Prosekutur.

Giet esebita s-sentenza dokument JAX a fol 49 datata 21 ta' Jannar 2003, ghal liema sentenza l-Ispettur Stephen Micallef ghamel il-prova tal-identita' (ara xhieda a fol 54 u 55).

Spettur Joseph Agius, a fol 56, esebixxa l-licenzja tas-sewqan ta' Paul Galea, dokument JAZ.

Joseph Zammit, esebixxa r-relazzjoni tieghu u halifha u sab illi l-vetturi tal-Pulizija, cioe' GVP425 u GVP219 garrbu erba mija u disgha u tletin lira Maltin, u ghaxar centenzmi (Lm439.10) hsara (ara fol 68-70).

Dr Joseph Spiteri, psikjatra, a fol 83 et seq, xehed illi l-imputat ibati minn ‘schitzophrenic disorder’, li llum il-gurnata pero’ hija kkontrollata bil-medicina li trid tibqa’ tittiehed b’mod regolari. Dawn il-medicinali m’ghandhomx ‘side effects’ illi jraqqdu lill-imputat. Illi fl-ahhar xhieda tieghu, Dr Joseph Spiteri fis-17 ta’ Frar 2005, kien ta konkluzjoni li minhabba li hu baqa’ jsegwi mill-vicin lill-imputat, huwa kien f’qaghda illi jghid illi l-marda tal-imputat kienet ikkontrollata effettivament, u li parti mill-kura li nghata l-imputat kienet essenzjali li huwa jigi ntegrat fis-socjeta’ u bhala tali li l-imputat ikollu xoghol u jkollu hajja normali u anke jkollu licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa c-cirkostanzi kolha tal-kaz, kif fuq espost, hi tal-fehma illi l-imputat certament ma kellux l-intenzjoni specifika li tirrikjedi l-ligi sabiex jissussisti r-reat mahsub taht it-tieni akkuza, u cioe’ dak ta’ attentat ta’ omicidju.

Illi mill-provi, anzi jidher car illi l-imputat ibati minn schizophrenic disorder u li din il-kundizzjoni kienet ilha fuqu ammont konsiderevoli ta’ snin, u li hija kundizzjoni li ghaliha m’hemmx fejqan izda tigi kontrollata permezz ta’ kura.

Dr David Cassar, infatti, ta stampa carissima ta’ cirku vizzju li jaqa’ fih l-imputat u cioe’ illi meta jkun taht stress, ma jibqax konsistenti fit-tehid tal-medikazzjoni li minn hemm jibda’ jiddeterjora l-ghemil tal-imputat.

Illi d-Difiza hadet decizjoni deliberata biex ma tissolevax l-eccezzjoni ta’ demenzja qabel jew fiz-zmien ta’ meta sehhu l-incidenti li huwa mahsub fl-akkuza.

Illi fin-nuqqas ta’ dan, id-Difiza ma tistax tibbenefika minn xi riduzzjoni ta’ responsabbilita’ kriminali kif donnha dehret li qieghed taghmel fil-kors tat-trattazzjoni.

Jirrizulta ampjament illi l-imputat kien qieghed isuq b'mod perikoluz kontra zewg linji ta' 'on coming traffic', li gie segwit mill-Pulizija, li ghamel hsara volontarja fuq zewg karozzi tas-servizz li jammontaw ghal ftit inqas minn erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), u li rrezizta l-arrest u wegga' albeit b'manjiera hafifa, lill-membru tal-Pulizija.

Ghal dan l-agir, l-imputat b'ebda mod ma pprova jxejjen ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ma ressaq ebda prova biex jirribatti x-xhieda u l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi ghalhekk l-akkuzi imposti kontra tieghu huma pprovati skond il-ligi.

Illi ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma illi l-piena adatta ghall-kaz in ezami, huwa ordni ta' probation fil-massimu li fih ikun hemm integrat struzzjoni li l-imputat ghandu jiehu l-medicinali kollha li joppreskrivilu l-psikjatra tieghu Dr Spiteri, b'konsistenza.

Din il-Qorti mbaghad thassbet fil-fond ghar-rigward tal-materja tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat. Din il-Qorti fliet bir-reqqa d-depozizzjoni ta' Dr David Cassar u l-insistenza tieghu, sahansitra mad-Direttur tat-Traffiku biex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan tal-imputat. Di piu', din il-Qorti analizzat il-prejokkupazzjoni ta' Dr Cassar kif ukoll ir-ragunament tieghu bhala sfond ghal din id-decizjoni tieghu. Din il-Qort fliet bir-reqqa l-opinjoni ta' Dr Spiteri u t-'trend' f'pajjizi esteri u l-'guideline' taghhom f'kazijiet simili, u cioe' li meta persuna li tbati bl-istess tip ta' kundizzjoni bhal tal-imputat, tkun qed tigi kontrollata u 'monitored' minn medicinali u tobba rispettivament allura jistghu jinghataw licenzja tas-sewqan.

Illi fil-kaz tal-imputat, jidher illi dan jitfantas hafna meta jara lill-Pulizija u dan sforz trawma li kellu fil-passat tieghu. Illi Dr Cassar xehed kif meta l-imputat ikun taht stress jitlef il-kontroll, u kif jibda' jaqta' mir-regolarita' li jiehu l-medicinali li tant ghandu bzonn sabiex izomm ruhu stabbli.

Issa, kif wera dan il-kaz stess, karozza hija ‘a lethal weapon’ u din il-Qorti ma tistax in koxxenza, tippermetti illi l-imputat ikollu licenzja tas-sewqan meta l-istabilita’ o meno tal-imputat tiddependi unilateralment fuq jekk hu jkunx qed jiehu l-medicinali tieghu u jekk ma jigrux affarijiet li jitfghuh taht stess - u dan meta l-istress jidher li jista’ jkun semplicement li jigi ndirizzat minn membru tal-Pulizija.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, l-ewwel parti tat-tieni akkuza, it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt akkuza, u wara li rat Artikli 325, 49, 50, 96(a), 221, 338(dd), 339(e) tal-Kap 9, Artikli 7 u 9 tal-Kap 446, u Artiklu 15 tal-Kap 65, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal tlett snin taht is-sorveljanza ta’ Probation Officer li ghand jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services. Illi fost il-kundizzjonijiet tal-Probation Order, hemm il-kundizzjoni li l-imputat jibqa’ jiehu dawk il-medicinali u kura li jippreskrivilu l-psikjatra tieghu illum Dr Joseph Spiteri. In oltre, tordna l-iskwalifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal ghomru.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------